ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

StudentBounty.com

Rotta

**IL-ĦAMES SENA** **L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*)** **IL-ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Din il-karta tal-eżami fiha TLIET Taqsimiet (A, B u C). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettall u fuq karta separata l-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

L-istudjużi jemmnu li d-drittijiet tal-bniedem kienu kontribut kbir għall-ugwaljanza bejn is-sessi. L-Unjoni Ewropea tisħaq li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija waħda mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Fil-fatt, l-UE għandha għadd ta' liġijiet li huma marbutin speċifikament mad-drittijiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fis-soċjetà, u li kull Stat Membru huwa obbligat li jsegwi. Barra minn hekk, kull pajiiż għandu wkoll il-liġijiet tiegħu. F'dawn l-aħħar snin Malta ħadmet ħafna biex tara li l-irġiel u n-nisa jiġu ttrattati indaqs f'kull aspett tas-soċjetà Maltija. Kien proprju fl-2004 meta l-gvern Malti waqqaf għall-ewwel darba l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (*National Commission for the Promotion of Equality - NCPE*). Barra minn hekk, il-gvern Malti għadda wkoll liġi biex tħares l-ugwaljanza bejn is-sessi.

**Mistoqsijiet:**

1 a. Fisser **ugwaljanza** u **drittijiet fundamentali tal-bniedem.** (4)
b. X'inhu r-rwol tal-**Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa**? (2)

2. Semmi billi tagħti eżempji **TLIET** fatturi li jistgħu jwasslu għall-inugwaljanza bejn is-sessi. (6)

3. Għaliex taħseb li iktar nisa milli rġiel ikomplu jistudjaw wara li jtemmu l-edukazzjoni obbligatorja? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għat-tweġiba tiegħek. (4)

4. Xi jrid isir fil-qasam edukattiv biex inrawmu sens ta' ugwaljanza bejn is-sessi? (4)

5. Aktar nisa qegħdin ifittxu impjieg bi ħlas. Semmi **ŻEWĠ** effetti pożittivi u **ŻEWĠ** effetti negattivi li dan l-iżvilupp kellu fuq il-familja. (4)

6. Semmi **ERBA'** differenzi li jwasslu għad-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-post tax-xogħol. (8)

7. Il-liġi Maltija ġiet emendata u aġġornata biex tħares l-ugwaljanza bejn is-sessi. Semmi **TLIET** aspetti partikolari li wieħed isib f'din il-liġi. (3)

**(35 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B: Aqra sew din is-silta u wara wieġeb fid-dettall u fuq karta separata l-... KOLLHA li ġejjin:**

Il-kummerċ ġust ilu jeżisti iktar minn 40 sena, u anke l-istituzzjonijiet Ewropej jagħrfu l-im... pożittiv ta' dan fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Bħalissa l-kummerċ ġust jinvolvi madwar 4,000 grupp ta' produtturi emarġinati kif ukoll eluf ta' ħaddiema li x-xogħol tagħhom jaffettwa b'mod pożittiv il-ħajja ta' iktar minn 5 miljun ruħ li jgħixu f'iżjed minn 50 pajjiż fin-Nofsinhar tad-dinja. L-organizzazzjonijiet tal-kummerċ ġust jinsabu fi kważi kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea (inkluż fl-Iżvizzera), kif ukoll fil-Kanada, fl-Istati Uniti, fl-Awstralja, fi New Zealand u fil-Ġappun. Il-kummerċ ġust irnexxielu jidħol sew fis-suq bil-bejgħ ta' ċerti prodotti: pereżempju, 47% tal-banana li tinsab fis-suq Żvizzeru hija tal-kummerċ ġust, filwaqt li fir-Renju Unit il-kafè tal-kummerċ ġust jifforma 20% mis-suq tal-kafè mitħun.

**Mistoqsijiet:**

1. Fisser:
   a) **kummerċ**,
   b) **istituzzjonijiet**, u
   c) **produtturi emarġinati**. (6)
2. Uri d-differenza bejn **kummerċ ħieles** u **kummerċ ġust**. (4)
3. Kif tagħraf li prodott ikun tal-kummerċ ġust? (2)
4. X'inhuma d-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-kummerċ? Agħti **TLIET** eżempji. (6)
5. Semmi u spjega **ŻEWĠ** modi kif il-gvernijiet ta' pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw jistgħu jipproteġu l-industrija ta' pajjiżhom. (4)
6. Semmi organizzazzjoni internazzjonali li taħdem favur il-kummerċ. X'inhuma l-għanijiet tagħha? (4)
7. X'inhuma **kumpaniji multinazzjonali**? Agħti **ŻEWĠ** eżempji. (4)
8. Il-globalizzazzjoni qed tgħin lill-kummerċ ġust jew lill-kummerċ ħieles? Agħti raġuni għat-tweġiba tiegħek. (5)

**(35 marka)**

**Taqsima C: Agħżel WAĦDA mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 300 kelma dwarha fuq karta separata:**

1. Ikteb dwar id-differenzi li jeżistu bejn stat demokratiku u stat totalitarju. It-tweġiba tiegħek għandha tagħmel referenza partikolari lejn it-tip ta' gvern, iċ-ċittadin fi ħdan is-soċjetà, u d-drittijiet tal-bniedem.
2. Il-gvern juża s-servizzi soċjali biex iqassam il-ġid tal-pajjiż b'mod aktar ġust, u b'hekk jara li jkun hemm aktar ġustizzja soċjali. Iddiskuti.
3. It-tipi kollha ta' żvilupp huma sostenibbli? Iddiskuti.

**(30 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers